KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

5/17 T

**Minuti tat-tkomplija tal-ħames laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret B'URĠENZA fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar is-Sibt 10 ta' April 2010, fil-11:30am.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |

1.0 Item 1: Riżoluzzjoni Speċjali – Tkomplija tal-madum fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva email mingħand is-Sur Camilleri li kien se jkun indispost għal din il-parti tal-laqgħa u allura hu skużat.

1.2 Is-Sindku qalet li din il-laqgħa issejħet skond l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) 29A.

1.3 Is-Sindku qrat ir-riżoluzzjoni speċjali tagħha. Din ir-riżoluzzjoni kienet proposta wkoll mis-Sur Briffa u sekondata mis-Sur Anastasi.

1.4 Is-Sur Sultana ippreżenta emenda għar-riżoluzzjoni speċjali. Din l-emenda kienet proposta ukoll mis-Sur Bugeja u sekondata mis-Sur Formosa.

1.5 Is-Sindku qalet li hi ma ssib ebda oġġezzjoni għal din l-emenda iżda għandha xi riservi fuq xi punti.

1.6 Skond l-Ordnijiet Permanenti (is-sitt skeda) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) I5(7) l-emenda għaddiet għal vot u għaddiet b'vot unanimu. B'hekk l-emenda ħadet post ir-riżoluzzjoni speċjali oriġinali. Fuq mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel li jżomm l-istess linja ta' bankina t-tul kollu.

1.7 Is-Sur Anastasi qal li s-Sur Albert Borg qal li d-direttiva biex isir madum fil-parti tal-bankina minn Triq Msida sa quddiem l-istitut Apap ingħatat mis-Sindku. Is-Sindku ċaħdet dan u talbet sabiex is-Sur Albert Borg jidher quddiem il-Kunsill fid-darba li jmiss.

1.8 Il-laqgħa intemmet f'12:20pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fis-6pm għat-tieni tkomplija tal-istess laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | | Chairperson |